# Bla ħjiel

Manwel Schembri

Dejjem bit-tama li jasal iż-żmien
li nħossni bħal darba, li qiegħed xi mkien
fejn xemx ilha tisreġ u ssaħħan l-idwar
tal-qlub tant imħeġġa, imġammra bin-nar

li qabad f'salt wieħed bla ħadd ma stennieh
u fawwar u ħammar bla ħadd ma tefieh,
għax tajjeb li tħossok tinbala' fil-ġmiel
ta' min ikun ħabbek bla qatt ma tak ħjiel

ta' x'hemm f'dak qiegħ ruħu x'żamm moħbi għalik
tul jiem u snin twal li satrulek ġo fik
dik il-ħeġġa u l-ħerqa misrura fil-qalb
biex tinfeda r-rieda ta' min heda fit-talb.

*30.3.2017*